MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Numru. 264/2007

Il-Pulizija

(Spettur Josric Mifsud)

Vs

Joseph Attard bin Lawrence u Mary nee' Gatt imwieled fis-07 ta' Ottubru 1953 u residenti 5, Maria Bambina, Triq John Otto Bayer, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 57953(G)

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Joseph Attard li permezz taghha huwa gie akkuzat talli nhar is-27 ta' Frar 2007 u fix-xhur ta' qabel f'San Lawrenz, Ghawdex:

1. Iddepozita radam f'sit li ma hux sit ghar-rimi u li ma hux kopert b'licenzja ghal dan il-ghan mahruga mid-direttur ghal Harsien ta'l-Ambjent. (A.L.128/1997 Art3,4)
2. Naqas li josserva xi disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-1997 dwar drittijiet u depozitu ghal kull skart u radam (A.L.128/1997 Art.22).
3. Dahal f'xi attivita fil-mannigjar permess mill-awtorita kompetenti u bi ksur ta' tharis tar-Regolamenti tal-2001 dwar permessi u kontrolli fil-maniggjar tal-Iskart (A.L.337/2001 Art.6.)
4. Abbanduna, waqqa', tefa' jew xort'ohra immaniggja skart mhux skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2001 dwar permessi u kontrolli fil-maniggjar ta'l-iskart (A.L. 337/2001 Art.26(a)).
5. Qieghed skart f'post fejn ma hux post li jigi immaniggjat l-iskart u li ma hux post li awtorizzat li jircevi tali skart bis-sahha ta' xi permess. (L.N. 337/2001 Art7(3)).
6. Minghajr awtorizazzjoni b'ligi , rema' tefa' jew iddepozita xi zibel f'post pubbliku jew spazju fil-miftuh li l-pubbliku ghandu access ghalih. (A.L.344/2005 Art.4.)

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti f'dan il-process irrizulta illi nstab xi radam u materjal ta' kostruzzjoni gej mill-barriera tal-imputat fl-area maghrufa bhala Fuq ir-Rih tad-Dwejra limiti ta' San Lawrenz. Dan ir-radam instab barra l-imsemmija barriera fuq in-naha tad-Dwejra. Meta gie mitkellem mill-pulizija a tempo verghine u cioe' mis-Supretendent Mario Bonello u mill-PS1346 Anton Schembri l-imputat ammetta illi dana r-radam kien tefghu huwa hemmhekk sakemm igib il-permessi necessarji biex jirricikla dana l-materjal. Fil-fatt fil-kors tax-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, l-imputat, ghalkemm ma jammettix illi r-radam li kien hemm

kien tieghu, madanakollu jikkonferma illi l-makkinarju li kien ordna kien wasal u ghalhekk issa kien qed jiricikla dana r-radam.

Illi fil-kors tas-smigh tal-kawza nstemghu diversi xhieda b'mod ewlieni rappresentanti mid-Direttorat ghall-Harsien tal-Ambjent li kollha xehdu illi l-imputat ma kellux il-permessi sabiex jiddepozita r-radam fis-sit in kwistjoni, sit li del resto huwa *special conservation site*. Fil-fatt ix-xhud Darren Stevens minn Nature Protection Unit fi hdan il-parti ambjentali tal-MEPA jixhed u jghid illi dana r-radam qered l-annimali li jghixu fuq ix-Xaghri. Dawn l-ispetturi mill-Environment Protection Unit jikkonfermaw illi fil-kors tal-investigazzjonijeit maghmula minnhom gie kkonfermat lilhom mill-Waste Management Unit illi ma kien hemm l-ebda permess ghat-tfigh ta' skart f'dana l-post. Madanakollu hadd minn dawn l-ispetturi ma seta' jikkonferma illi kien l-imputat li tefa' dana l-iskart fis-sit in kwistjoni ghaliex ma rawhx jaghmel dana.

Illi d-difiza tressaq essenzjalment zewg linji difenzjonali. Fl-ewwel lok il-fatt illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq l-ahjar prova ghar-rigward tan-nuqqas ta' permess ghat-tfigh tal-iskart peress illi l-ebda persuna mill-Waste Managment Unit ma gie prodott sabiex jikkonferma dana u wkoll fit-tieni lok, il-fatt illi ma hemm l-ebda prova illi r-radam mitfugh intefa' mill-imputat u dana billi hadd ma rah jaghmel dana.

Illi l-Avviz Legali 128 tal-1997 jaghti bhala definizzjoni ta' radam :

"*radam li jorigina f'Malta u li mhux hamrija u jinkludi materjal bhal trab, bicciet tal -gebel tal-franka jew gebel iehor, konkrit, madum, zrar, ramel, xahx, turbazz li jirrizulta minn thaffir, preparazzjoni ta' l-art, twaqqiegh ta' bini, xogholijiet ta' toroq u xogholijiet simili*."

L-artikolu 3 ta'l-Avviz Legali imbaghad jiddisponi illi: "*Hadd ma jista' jiddepozita, radam, skart, jew skart perikoluz f'xi sit li mhux sit ghar-rimi*."

Ikompli mbaghad l-artikolu 4 jiddisponi illi persuna tista' tuza sit ghad-depozitu ta' skart, skart perikoluz jew radam jekk ikollha permess ghal dana l-ghan mahrug mid-Direttur tal-Harsien tal-Ambjent. Illi kemm Joseph Cassar, kif ukoll Alvin Spiteri, Aimee Brincat, Elsia Borg u Darren Stevens kollha xehdu in rappresentanza tad-Direttur ghal Harsien tal-Ambjent u kien f'dina l-kapacita taghhom illi xehdu illi ma hemm l-ebda permess fuq dana s-sit sabiex jintrema dana r-radam. Kwindi dina l-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza meta tikkontendi illi ma giex prodott ix-xhud dwar il-permessi o meno li hemm in konnessjoni ma' dana s-sit. Dawn in-nies kollha ivverifikaw fil-kapacita taghhom bhala spetturi fi hdan id-direttorat ghall- Harsien tal-Ambjent illi permessi fuq l-imputat ma jezistux.

Dana kollu qed jinghad b'referenza ghall-ewwel zewg akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat. Illi anke ghar-rigward tal-akkuzi kollha l-ohra migjuba fil-konfront tal-imputat dawn ukoll kollha jaqghu taht l-awtorita tad-Direttur ghall-Harsien tal-Ambjent u kwindi l-argument migjub mid-difiza ma jistax iregi.

Illi d-difiza targumenta wkoll illi ma kienx l-imputat li tefa' r-radam li nstab fis-sit in kwistjoni. L-imputat meta jixhed f'dina l-kawza jichad illi l-materjal misjub kien tieghu, izda fl-istess nifs isostni illi llum huwa gab makkinarju ghal tal-apposta ghar-riciklagg ta' dana l-materjal, izda ma jghidx allura x'kien jaghmel bir-radam qabel ma giet dina l-magna. Il-Qorti ghalhekk temmen dak li jghid l-imputat a tempo vergine meta jammetti mal-pulizija illi r-radam u l-materjal ta' kostruzzjoni misjub fuq is-sit kien jappartjeni lilu tant illi fil-fatt kien mormi proprju fuq in-naha ta' barra tal-barriera tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti ser issib htija fil-konfront tal-imputat, izda peress illi l-akkuzi minn tlieta sa sitta nghataw bhala akkuzi alternattivi ghall-ewwel akkuza l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 3, 4, 22 u 23 tal-Avviz Legali 128 tal-1997, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet, raba, hames u sitt akkuza

migjuba fil-konfront tal-imputat, issibu hati tal-ewwel u t-tieni akkuzi u tikkundannah multa ta’ €1500.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------